MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 146/2011

**Go p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Floyd Grech**
**I.D. 157286 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnejn u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 672.29) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni, bl-akkont numru AC 40137137 skont diversi kontijiet mibghuta lilu, u skont id-dokumenti hawn annessi. Dok IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv, u Dok IZY 2 ftehim dwar is-servizz relattiv. Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici datata 1 ta' Novembru, 2013 li permezz taghha t-talba tal-istess socjeta' attrici giet ridotta ghal mija tnejn u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 172.29).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta' mija tnejn u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 172.29), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------